# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU:2530

**Kaz Numru: 3614/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Martha Rawe (ID: 074845A)**

**u**

**Nathalie Briffa Farrugia noe**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairpeson: Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M.A. Qual. B.A., P.G.C.E.</u>**

**Nhar it-Tlieta 15 ta' Mejju, 2018**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors minn Martha Rawe fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-30 ta' Jannar 2018, fejn (u aktar tard fit-12 ta' Marzu b'Dikjarazzjoni b'reazzjoni mis-socjeta' ntimata ghan-nuqqas ta' dan fl-eccezzjonijiet preliminari) fejn iddikjarat illi t-tkeccija minn mas-socjeta' Intimata hija wahda ngusta u illecita u ntalab kumpens ghal danni materjali jew morali.

Minn naha taghha s-Socjeta' fid-dikjarazzjoni taghha tghid li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati u li preliminarjament ma gietx imkeccija mill-impjieg taghha minn mas-socjeta', pero' l-impjieg taghha gie terminat awtomatikament mal-iskadenza tal-kuntratt definit ta' sena.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.u rapprezentanti

**Rapprezentanza**

Martha Rawe li minn issa l-quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet assistita mis-Sur Dennis Tanti

Care Malta Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata kienet irraprezentata mill- Avv.Ian Spiteri Bailey.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent kien ilha mpjegata mit-13 ta' Jannar 2015 sat-12 ta' Jannar 2018, b'kuntratti definiti ta' sena sena. Fil-fatt fit-12 ta'Jannar tat-2018 skada l-kuntratt u dan ma regax gie mgedded. Skont ir-rikorrenti t-tkeccija sehhet sitt gimghat wara li hija kkontestat twissija bil-miktub data 8 ta' Novembru 2017 iffirmata mill-Managers, liema twissija giet ikkupjata lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi dwar nuqqas ta' tharis ta' procedure tal-leave. Skont ir-rikorrenti, leave gie approvat lilha fl-10 tax-xahar jumejn wara li nhargitilha t-twissija u ma nfurmawhiex b'din it-twissija li kienu hargulha. Skond ir-rikorrenti hija saret taf bit-twissija ghoxrin gurnata wara. Fl-20 ta' Dicembru 2017 r-rikorrenti kitbet lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u anke gharrfet lis-socjeta' li kienet se taghmel dan.

Minn naha taghha s-socjeta' ntimata tghid illi preliminarjament l-azzjoni proposta hija nulla in kwantu illi mhix intavolata ai termini ta' Artiklu 75(3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress illi l-att promotur huwa nieqes mid-dikjarazzjoni li trid l-istess ligi. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju s-socjeta' qalet, illi l-intimata Nathalie Briffa Farrugia noe giet imharrka in rappprezentanza tas-Socjeta' CareMalta Group Ltd., meta in effetti CareMalta Group Ltd ma kinitx il-principal tar-rikorrenti u ma ghandha ebda rabta legali jew kontrattwali mar-rikorrenti in kwantu jirrizulta illi r-rikorrenti kienet impjegata ta' Care Malta Ltd. u ghalhekk, l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tielet eccezzjoni u minghajr pregudizzju ghal dan u fil-mertu, illi ma kienx hemm it-tkeccija tar-rikorrenti u kwindi dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni fuq dan il-kaz in kwantu wisq anqas kien hemm tkeccija ingusta. Fid-dawl tal-permess, kompliet tghid is-socjeta' fir-risposta, ghalhekk illi dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

**Sintesi tat-trattazzjonijuiet tal-kaz**

**Dr. Ian Spiteri Bailey** ghan-nom tas-Socjeta' Ntimata beda l-argumenti tieghu billi rrefera ghall-Artiklu 75 tal-Kap 452, tal-Ligijiet ta' Malta illi jesigi li jkun hemm dikjarazzjoni tal-appellanti u illi tkun resqet il-kaz taghha, f'dan il-kaz ir-rikors ma sarx kif titlob il-ligi. Dr. Spiteri Bailey insista li aktar importanti minn hekk huma t-tieni u t-tielet eccezzjoni, l-intimata Nathalie Briffa giet imharrka in raprezentanza tas-Socjeta' Care Malta Group Limited li fil-fatt mhux il-principal tar-rikorrenti u hija mpjegata ma' Care Malta limited u ghalhekk ghandha tigi liberata minn osservanza tal-gudizzju. Huwa qal li t-tieni eccezzjoni kif juru l-kuntratti li taghhom ir-rikorrenti hija firmatarja, Natghalie Farrugia Briffa fil-vesti taghha ta' Direttur ta' Care Malta Group Limited mhijiex il-legittimu kontradittur. Ghat-tielet eccezzjoni t-Tribunal qal Dr. Spiteri Bailey, m'ghandux gurisdizzjoni fuq dan il-kaz u wisq anqas li kien hem tkeccija ngusta. Ir-rikorrenti kellha kuntratt ta' sena, ma kienx hemm tkeccija izda terminazzjoni ta' kuntratt miftiehem bejn il-partijiet, u allahares, kompla Dr. Spiteri Bailey ghax jekk jintemm kuntratt nigu rinfaccjati b'kawza ta' tkeccija ngusta ghax allura ma nibqghux naghmlu distinzjoni bejn il-kuntratt definit u kuntratt indefinit.

**Is-Sur Dennis Tanti** ghan-nom tar-Rikorrenti, ibbaza l-argument tieghu billi tharrket il-persuna li fil-fatt ma kellhiex titharrek ghax talbu l-informazzjoni lir-Registru tal-Kumpaniji u dawn irrifjutaw ituh informazzjoni ghax tmur kontra d-data protection. Huwa qal li ma kellux mezz kif jakkwista aktar informazzjoni u tharrket s-sinjura Briffa Farrugia ghax dejjem kienet il-persuna li huma affaccjaw f'dan il-kaz. Huwa semma wkoll li l-haddiema li jahdmu f'din ir-residenza ma humiex protetti b'unjin u ghalhekk minn naha taghhom huwa kiteb lill-Bord dwar ir-relazzjonijiet industrijali. Is-Sur Tanti qal li dan mhux semplici kaz ta' terminazzjoni jew redundancy ghax kif intemm il-kuntratt tar-rikorrenti gew impjegati aktar persuni. Qal ukoll li hames gimhat qabel ma gie fi tmiemu l-kuntratt ir-rikorrenti kellha kwistjoni mas-Socjeta' dwar kif jintuza l-leave.

**Konsiderazzjonijiet**

Sabiex it-Tribunal seta' jitratta t-tliet eccezzjonijiet f'daqqa

Tenut kont sitt fatti li hargu waqt dan il-process u cioe:

> Li r-rikorrenti kienet ilha mpjegata fuq bazi full time ghal madwar 3 snin b'kuntratti definiti ta' sena b'sena mas-Socjeta' bhala Care Worker;
>
> Li tul l-impjieg taghha kellha twissija bil-miktub,liema twissija hija saret taf biha wara ghoxrin gurnata. It-twissija kienet tirrigwarda abbuz mill-leave u jumejn wara li nkitbet it-twissija, hija xorta inghatat approvazzjoni ghall-leave;
>
> Li matul l-impjieg taghha kienet irrispettata u mahbuba mill-klijenti u l-familjari taghhom;
>
> Li l-kuntratt definit gie fi tmiemu kif miftiehem u maqbul bejn il-partijiet u b'mod naturali;
>
> Li s-socjeta' mat-tmiem naturali tal-kuntratt definit ta' sena, ma gedditx dan il-kuntratt;
>
> Li l-intimata Nathalie Briffa Farrugia noe giet imharrka in rapprezentanza tas-Socjeta' Care Malta Group Ltd, meta in effetti Caremalta Group Ltd ma kinitx il-Principal tar-rikorrenti imma fil-fatt hija Care Malta Ltd.

**DECIZJONI**

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li t-tielet eccezzjoni tissupera l-ewwel tnejn u huwa tal-fehma li f'dan il-kaz ma hemm l-ebda ksur ta' ligi Kap 452 tal-Ligi ta' Malta. Kuntratt definit jista' jigi fi tmiemu u ma jergax jigi mgedded minghajr ma tinghata ebda spjegazzjoni. Dan it-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li ma hemm l-ebda referenza ghal redundancy izda sempliciment terminazzjoni b'mod naturali ta' kuntratt ta' sena kif maqbul bejn il-partijiet. Il-fatt li dawn il-kuntratti fit-totalita' taghhom ta' sena sena ma qabzux ir-raba' sena, ma jirrigwardjax kwistjoni ta' Kuntratti ghal Zmien fiss successivi. B'hekk it-Tribunal jilqa't-tielet eccezzjoni u sussegwentement dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li ma ghandux gurisdizzjoni.

Ghall-finijiet ta' l-avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**